MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 49/2022

It-Tnejn. 25 t'April 2022

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba –Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

PREŻENTI (b'mod Virtwali):

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku, Dott Marlene Cini

| | | |
|---|---|---|
| 49.1 | Qari tal-ittri ta' apoloġiji |
| 49.1.1 | Is-Sindku qrat l-ittra t'apoloġija tal-Kunsillier Daniel Cordina. Infurmat ukoll lil membri li il-Kunsillier Baskal Saliba ser jittardja minħabba impenji tax-xogħol. |
| 49.2 | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti |
| 49.2.1 | Il-minuti tal-laqgħa Nru 48/2022-8 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija. |
| 49.2.2 | Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. |
| 49.2.3 | Ma' kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti. |
| 49.2.4 | Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-minuti nru. 48/2002-8, u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra, jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati. |
| 49.3 | Komunikazzjoni mis-Sindku |
| 48.3.1 | Is-Sindku Dott. Marlene Cini infurmat lil membri preżenti li rigward Jum iż-Żebbuġ, il-Kunsill daħħal applikazzjoni mad-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex il-Kunsill ikun jista' jikseb parti mill-ispejjes għal dawn l-attivitajiet. Is-Sindku rringrazzjat lil Ministeru għal Għawdex għal għajnuna finanzjarja ta' €13,250 li nkisbet. Kompliet tgħid illi wara ċ-ċerimonja fil-Knisja tal-Ħamis, 28 t'April 2022 se jkun hemm ftit nar li ser jieħdu ħsiebu l-Għaqda tan-Nar tar-raħal u wara jsir ir-riċeviment. Infurmat lil membri li jekk f'każ illi t-temp ma jkunx jippermetti, ir-riċeviment isir |

fis-sala tal-Każin tal-Banda. Is-Sindku kompliet tgħid illi għal l-attivita' tal-Ħadd, 1 ta' Mejju 2022 ma nsabux jinxtraw dik il-kwantita' ta' *frames* tar-ritratti u għalhekk ser ikunu qed jitqassmu *post card frames* minflok. Kompliet tgħid li ser ikun hemm ukoll mejda tal-kafe', pastizzi u crepes li ser jieħdu ħsiebha s-Sezzjoni Żgħażagħ. Irringrazzjat lil ħaddiema kollha tal-Kunsill li fi żmien qasir ġew organizzati dawn l-attivitajiet u stiednet lil membri tal-Kunsill sabiex jattendu għal attivitajiet kollha li ġew imħejjija mill-Kunsill.

49.3.2 Is-Sindku informat lil membri li ta' kull xahar qed isiru laqgħat mal-Pulizija tal-Kommunita' u l-Korp tal-Pulizija. Infurmat lil membri li ġew elenkati d-diversi problemi li l-Kunsill qed jiltaqa' magħhom fosthom il-problema tar-rimi tal-iskart ġewwa Marsalforn, l-immaniġjar tat-traffiku fi Triq il-Port u l-Menqa ta' Marsalforn, kif ukoll rigward il-problema ta' l-ilma fil-Wied ta' Marsalforn. Is-Sindku nfurmat lil membri li talbet sabiex issir laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex, Transport Malta u l-Korpi dixxiplinari sabiex tinstab soluzzjoni fit-tul.

49.3.3 Is-Sindku nformat lil membri li l-offerta għal qtugħ tal-ħaxix fil-lokalita' kienet għolja u għalhekk il-membri qablu fuq proposta tas-Sindku li jinxtara mutur tal-ħaxix u x-xogħol isir mill-ħaddiema ta' l-iskema.

49.3.4 Is-Sindku informat lil membri illi saret laqgħa mal-Viċi Arċipriet sabiex jinħoloq *clean up group* fiż-Żebbuġ u Marsalforn. Proponiet li l-attivita' ssir is-Sibt, 7 ta' Mejju fil-Wied ta' Marsalforn. Il-membri qablu. Is-Sindku kompliet tgħid li t-trasport b'xejn ser ikun provdut minn Pjazza l-Assunta fid-9.30am. Infurmat lil membri illi ġew ikkuntatjati *clean up groups* oħra – Nadur Nadif u The Cast-Out Project sabiex voluntiera tagħhom jingħaqdu mal-*clean up group* tal-Kunsill. Kompliet tgħid li qed isir logo u poster li jkun jista jixxandar fuq il-mezzi soċjali tal-Kunsill.

49.3.5 Is-Sindku nfurmat lil membri preżenti illi saret *site inspection* mal-Perit tal-Kunsill sabiex jitranġaw il-kaxxi tal-parkeġġ ta' Triq Għar Qawqla u isiru dawk ta' Triq il-Qbajjar u Triq ix-Xagħra. Infurmat lil membri li l-Kunsill għadu qed jistenna l-

pjanti tal-Perit sabiex jintbgħatu lil Transport Malta għall-approvazzjoni.

49.3.6 Is-Sindku nfurmat lil Kunsilliera li l-Kunsill applika għal iskema Reġjonali – Libreriji fil-Lokalita' 2021 mar-Reġjun t'Għawdex fejn il-Kunsill talab sabiex jinxtraw kotba *dyslexia friendly* u żewġ laptops.

49.3.7 Is-Sindku issuġeriet u l-membri qablu sabiex tinħareġ offerta ġdida għal Energy Efficient Lighting – Triq id-Duluri – fondi tad-DPF peress li l-Kuntrattur li rebaħ l-offerta ma setax isib fanali skond l-*ispecifications* ta' l-offerta.

49.3.8 Is-Sindku nfurmat lil membri li għandha ssir laqgħa fil-ġranet li ġejjin mal-Ministeru għal Għawdex sabiex jiġu mitkellma proġetti futuri li jista' jagħmel il-Ministeru għal Għawdex fil-lokalita' tagħna.

49.3.9 Il-membri ġew infurmati illi wara sena u nofs taħbit, l-uffiċċju ta' Marsalforn għandu s-sistema tal-Gvern u dan sabiex ikunu jistgħu jsiru l-pagamenti taċ-ċitazzjonijiet, permessi u servizzi oħra li joffri l-Kunsill. Il-membri qablu li tinxtara *printer* peress li l-printer tal-FSWS ma tistax tintuża peress li hi imqabbda ma *network* ieħor.

49.3.10 Is-Sindku nfurmat lil membri li mit-2 ta' Mejju, il-permessi għal makkinarju goff ser isir b'sistema *online*. Kompliet tgħid illi l-ħaddiema tal-Kunsill ħadu t-taħriġ neċċessarju sabiex ikunu jistgħu jaħdmu b'din is-sistema.

49.3.11 Rigward l-Lifelong Learning Courses 2022 – 2023, is-Sindku nfurmat lil membri li ġiet avviċinata minn edukatur sabiex tagħti lezzjonijiet tal-lifelong learning fuq dawn is-suġġetti: - Building Artefacts, Making Religious Icons u Sewing Alterations. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu japplika sabiex jospita' dawn il-korsijiet u jagħmel il-promozzjonijiet neċessarji gialadarba tintlaqa' l-applikazzjoni.

49.4 *Financial Statements*

49.4.1 Hawn is-Sindku stiednet lil Accountant tal-Kunsill sabiex jingħaqad virtwalment mal-kamra fil-5.20 ta' filgħaxija. L-accountant qal li qed jiġi preżentat il-*financial statements* wara li saru l-*audits* mill-RSM. Informa lil Kunsill li s-sena 2021 għalqet b'*surplus* ta' €7,700. Qal li kien hemm din il-bidla fl-*accounts* peress li l-Kunsill irċieva konferma ta' *grant* ta' €25,500 mir-Reġjun t'Għawdex fejn il-Kunsill għandu jiġbor €10,000 mill-iskema Kultura Għawdex 2021 u €15,500 mill-iskema Ambjent 2021. Spjega li l-Kunsill hu *break even.* Qal li l-Kunsill spiċċa s-sena b'*accumulated surplus* ta' €16,000. Informa lil membri li issa l-FSI telgħet għal +3 meta l-liġi tagħti minimu ta' FSI +10. Fakkar li fis-sena 2020 l-Kunsill kellu FSI -12. Il-Kunsill prattikament irkupra €90,000. Ħeġġeġ lil Kunsill sabiex jibqa' miexi fid-direzzjoni t-tajba.
Is-Sindku rringrazzjat lil *accountant* ta' l-*update* tiegħu u ħalla l-laqgħa.

Il-Kunsillier Baskal Saliba skuża ruħu li ttardja u daħal fil-kamra fil-5.30 ta' filgħaxija.

49.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

49.5.1 *Il-Viċi Sindku Sandra Grech ressqet dawn il-punti:*

49.5.1.1 Talbet sabiex jingħata l-*patching* neċessarju fejn ir-restorant il-Gabbiano peress li qed isiru l-aċċidenti. Il-membri qablu li għandha issir talba fuq il-Gozo LC Works.

49.5.1.2 Talbet sabiex tinġibed l-attenzjoni ta' operatur ta' Supermarket fi Triq il-Qbajjar peress li wara li għadda ta' l-iskammel ħareġ koċċ boroż suwed u li damu hemm għal xi ġranet sakemm inġabar mill-kollettur għall-iskart domestiku.

49.5.1.3 Talbet sabiex tintbgħat *reminder* lil Perit tal-Kunsill sabiex jissottometti l-pjanti tal-kaxxi tal-parkeġġ ta' Triq il-Qbajjar mill-aktar fis possibli.

49.5.1.4 Infurmat lil membri li ġiet avviċinata minn sid il-Plajja Restaurant sabiex issir rampa aċċessibli għal persuni b'diżabilita' minn Triq San Ġużepp. Il-membri qablu li għandu jittieħed il-parir tal-Perit tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

49.5.1.5 Proponiet u l-membri qablu li għandha tingħata warda lil kull omm kemm fiż-Żebbuġ kif ukoll f'Marsalforn. Għandhom jiġu mitkellma l-Arċipriet u l-Kappillan rispettivament f'dan ir-rigward sabiex dawn jitqassmu fil-Knejjes rispettivi wara l-quddies tas-Sibt, 7 ta' Mejju filgħaxija u l-Ħadd, 8 ta' Mejju.

49.5.1.6 Talbet sabiex jinqata' l-ħaxix ħażin minn Triq Manuel Magro. Il-membri qablu.

49.5.1.7 Talbet sabiex isir *reminder* lil Perit tal-Kunsill rigward l-aċċess ta' l-injam fis-Sajf għal Bajja ta' Għar Qawqla. Is-Sindku nfurmatha li għandha ssir laqgħa fuq il-post mal-persuni kollha konċernati.

49.5.1.8 Talbet sabiex it-toroq f'Marsalforn jinkinsu aktar spiss. Għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Public Cleansing Section f'dan ir-rigward.

49.5.1.9 Ippropniet sabiex jinxtara luzzu żgħir u jitpoġġew xtieli fih sabiex inħaddru aktar lil lokalita'.

49.5.1.10 Talbet sabiex jiżdiedu aktar tabelli ta' l-iskart madwar Marsalforn.

Infurmat lil membri li rat uffiċċjali ta' Transport Malta jwaqqfu l-karozzi li daħlu fiż-żona pedonali f'Marsalforn. Irringrazzjat ukoll lil Community Police li qed jaħdmu għal ġid tar-residenti kif ukoll rringrazzjat lil MTA għax-xhow tan-nar li tellgħet f'Marsalforn.

49.5.2 *Il-Kunsillier is-Sur Nicky Saliba ma kellux punti xi jressaq*

49.5.3 *Il-Kunsillier s-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:*

49.5.3.1 Talba mingħand resident sabiex ir-rampa għal garaxx tiegħu ssir aktar għat-tul fit-triq li ma tinfidx fejn il-parkeġġ u dan għaliex qed iħokk il-qiegħ tal-karozza. Il-membri qablu li ssir talba fuq is-sistema tal-Gozo LC Works. Hawn il-Kunsillier Baskal Saliba talab li jekk ma ssirx mill-Ministeru għal Għawdex issir min naħħa tal-Kunsill. Is-Sindku nfurmatu li l-ewwel għandna nistennew l-eżitu tat-talba mill-Gozo LC Works.

49.5.3.2 Talab sabiex issir *reminder* lil Transport Malta biex jitwaħħlu *speed limit signs* fi Triq il-Port u l-Menqa.

49.6 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti

49.6.1 Is-Seg. Eżekuttiv issottomettiet il-pjanti mħejjiha mill-Perit tal-Kunsill rigward il-bini ta' l-uffiċċini tal-Kunsill u l-*playing field* fuq il-bejt ta' l-uffiċċini fi Triq il-Qbajjar Marsalforn. Wara diskussjoni bejn il-membri u fuq proposta tal-Kunsillier Nicky Saliba kien hemm qbil li l-Kunsill ma japplikax għal dan il-proġett mill-iskema SPI/SCI/1/2022 – Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-*Playing Fields* fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex u dan peress li l-Kunsill għandu jara minn fejn ser iġib il-finanzjament għal bini tal-uffiċċini u jsiru l-applikazzjonijiet meħtieġa ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

49.6.2 Korrispondenza mingħand l-Assoc. Għal Kunsilli Lokali rigward proġett pilota għall-ġbir ta' skart organiku minn stabbilimenti tal-ikel f'żoni turistiċi. Il-membri ħadu nota ta' din il-korrispondenza.

49.6.3 Rigward korrispondenza mingħand il-*Community Police* rigward l-ilma li qed jinġibed mill-Wied ta' Marsalforn fejn hemm il-papri. Il-Kunsillier Nicky Saliba sostna li għandu jinxteħet l-ilma sas-Sajf u dan biex jiġu salvagwardjati l-papri. Is-Sindku qalet li l-Annimal Wefare infurmaw il-Kunsill li l-ilma jinxteħet għalxejn peress li l-ilma qed jinżel fil-*water table.* Il-Viċi Sindku qalet li aħjar jinxteħet *bowser* qabel is-Sajf. Is-Sindku sostniet li kulħadd iwaħħal fil-Kunsill meta l-Kunsill qed jagħmel minn kollox biex jiġu mħarsa dawn il-papri. Il-Kunsillier

Baskal Saliba qal li mhux la kemm tinstab soluzzjoni għal dan. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li la darba ma jistax jinxtehed l-ilma fil-Wied għandhom jitneħħew il-papri. Hawn is-Sindku infurmatu li kemm il-darba tneħħew il-papri pero' il-bdiewa qed jerġew iġibu l-papri sabiex il-Kunsill joqgħod jitfa' l-ilma. Qalet li malli jinxteħet l-ilma dan qed jinġibed mill-bdiewa bil-konsegwenza li jibqa' biss iċ-ċaflis u l-papri qed jeħlulhom saqajhom fit-tajn bil-konsegwenza li jispiċċaw imutu. Kompliet tgħid illi s-Surgent għandu jagħmel ir-rapporti neċessarji f'dan ir-rigward. Il-membri qablu li għandu jinxteħet bowser bl-ilma.

49.6.4 Is-Seg. Eżekuttiv issottomettiet kwotazzjoni għal xiri ta' *bollard* ta' l-*istainless steel.* Il-membri qablu li niċċekjaw jeżistux *bollards* tal-PVC u jekk dawn l-*istainless steel* għandhomx garanzija. Il-Kunsillier Baskal Saliba talab ukoll sabiex titwaħħal tabella *Dead End* fejn ser issir din il-Bollard (jiġifieri fit-triq tas-siment li mill-Qbajjar tieħdok għal Bajja ta' Taħt ix-Xifer) peress li meta twaħħlet insterqet.

49.6.5 Talba mingħand resident sabiex fi Triq Għajn Mhelhel isiru r-*road markings* neċessarji u jitwaħħlu wkoll ir-*reflective markings* mal-ħitan. Il-membri qablu li għandu jitqabbad il-kuntrattur sabiex jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa.

49.6.6 Talba mill-Gozo Cycling Club TT Race 2022 sabiex il-Kunsill jorganizza din it-tellieqa nhar is-7 ta' Ġunju 2022 fi Triq Għajn Mhelhel. Il-membri qablu li din l-attivita' għandha ssir b'kollaborazzjoni magħhom. Is-Sindku proponiet u l-membri qablu li għandhom isiru d-*diversions* neċessarji u l-pubbliku jkun infurmat.

49.6.7 Talba mingħand resident fi Triq Ħabel it-Twil fejn talab li l-kaxxa riservata għal persuni b'diżabilita' ssir personalizzata. Il-membri qablu li din it-talba għandha tgħaddi għand Transport Malta.

49.6.8 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill irċieva mandat għat-taħrik ta' xhieda rigward *street alignment* fi Triq San Mikiel u li ser jidher l-Avukat tal-Kunsill għal din it-taħrika.

49.6.9 Suġġeriment sabiex jinżabru s-siġar taż-Żebbuġ fi Triq il-Merżuq u fl-aħħar ta' Triq Wied l-Infern. Il-membri qablu li bħalissa mhux iż-żmien li jinżabru minħabba l-frott u dan għandu jsir għal bidu ta' Diċembru.

49.6.10 Kwotazzjoni rigward il-bini ta' ħajt ta' tlett filati fil-kisra perikoluża fi Triq Wied l-Infern. Il-prezz hu ta' €1,277.94. Il-membri qablu li għandu jinbeda ix-xogħol.

49.6.11 Ilment Nru 20/2022
Talba sabiex isiru *one meter double yellow line* fuq kull naħa tal-garaxx fi Triq Ħabel it-Twil.

Il-membri qablu ma dan pero għandu jiġi ikkuntatjat is-sid sabiex jibgħat ir-ritratti neċessarji.

49.6.12 Ilment Nru 21/2022
Talba sabiex jitwaħħlu tabelli fuq għar fix-Xwejni sabiex ma jixxabtux in-nies peress li l-blat qed iċedi, talba sabiex isiru bins fejn is-salini u talba sabiex fis-Sajf jiġu provduti *portable toilets* fejn is-salini.

Il-membri ma qablux ma dan peress li l-Kunsill ma jistax iwaħħal dawn it-tabelli peress li t-triq kollha tas-salini ma jistgħux jixxabtu nies. Rigward il-bins, fis-Sajf dawn jitpoġġew mill-Public Cleansing Section u rigward il-*portable toilets,* fil-viċinanza hemm il-latrini pubbliċi li bena l-Kunsill stess.

## 49.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 33/2022 għall-perjodu ta' April 2022 li tammonta għal € 154,432.54c ġiet approvata u ffirmata.

## 48.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 24 ta' Mejju 2022 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 24 ta' Mejju 2022

Dott Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv